MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 2360/1998/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Philip Agius & Sons Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-korporazzjoni attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess Korporazzjoni attrici s-somma ta’ Lm787.05 (seba mija u seba u tmenin lira Maltin u hames centezmi) rapprezentanti danni minn impjegati tas-socjeta konvenuta ikkagunaw f’High Tension Cable propjeta tal-korporazzjoni attrici u dana meta nhar t-30 ta’ Lulju 1996 impjegat tas-socjeta konvenuta waqt li kienu qieghdin jesegwixxu xogholijiet f’Notabile Road, Imriehed, minhabba negligenza u traskuragni da parti taghhom ikkagunaw hsarat fl-imsemmi cable, kif ukoll thallsu l-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-incident sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' Marzu 1988, tal-ittra bonarja tat-20 ta' Dicembru 1997, tat-taxxa tas-sisa fuq s-servizzi nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali. Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi t-talba tal-kumpanija attrici hija preskritta a termini ta' l-art 2153 tal-Kodici Civili (i.e. periodu ta' sentejn) u b'ogni kas il-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-hsara in kwistjoni.

Ghalhekk il-konvenut jitlob li t-talba tal-attur tigi michuda.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 11 tal-atti minn fejn jidher li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta giet irtirata.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar il-kaz in desamina ghandu jigi notat is-segwenti:-

a) Skond il-kopja tar-<u>rapport</u> maghmul mill-Pulizija u anness mal-atti a fol 17 u fol 46, jinghad li s-socjeta konvenuta kienet qed tesegwixxi xoghol in konnessjoni ma thaffir ta' trinka u l-makkinarju li kien qed jintuza (J.C.B.) '……<u>accidentally</u> caused damage to the high tension cable' sitwat taht l-art.

b) <u>David Zerafa</u> (fol 25 et seq ibid) impjegat bhala 'foreman' mal-istess Korporazzjoni spjega li fit-30 ta' Lulju 1996, Mario Agius in rappresentanza tas-socjeta konvenuta kien mar fl-ufficju tad-distrett involut u kien tkellem mal-impjegat li '… kien jattendi fejn kien ser jsir thaffir'. Pero' fi kliem l-istess xhud, dan l-impjegat 'Ghal xi raguni jew ohra ….. ma' marx fuq il-post' u b'hekk ma kien mar hadd in rappresentanza tal-Korporazzjoni attrici fuq il-post fejn kien ser jsir thaffir.

c) <u>Joseph Aquilina</u> (fol 43 et seq ibid) ‘technical officer’ mal-istess korporazzjoni irrakonta x’kien gara wara li kien intlaqat l-imsemmi ‘cable’ u l-misuri li ttiehdu sabiex tigi riparta l-hsara u jigi ripristinat il-kurrent elettriku.

d) L-imsemmi <u>Mario Agius</u> (permezz tal-‘affidavit’ a fol 32 tal-atti) spjega li s-socjeta rappresentata minnu kienet giet inkarigata mill-Korporazzjoni attrici, stess, sabiex tesegwixxi it-thaffir li ghalih di gja sar referenza u dan wara li”….. <u>d-Development Section</u> (tal-istess Korporazzjoni) <u>(specifikat) fejn irid isir it-‘trenching’ bili jigi markat mill-istess ‘section’ , fuq pjanta f’liema parti mit-triq iridu nhaffru din it-trinka</u>’. Ix-xhud issottolinea li hadd mill-istess Korporazzjoni ma informah li, fil-post. Kien hemm il-‘cable’ li ntlaqat. Fl-istess xhieda hu semma’ punt li kien di gja sar referenza ghalih minn David Zerafa fix-xhieda tieghu cjoe ‘dispute’ fl-istess korporazzjoni bejn id-Development Section” u d-“Distribution Section” bir-risultat li impjegati fl-ahhar sezzjoni msemmija ma kienux qed jmorru fil-post fejn qed ser jsir thaffir ta’ trinek u jindikaw l-esistenza ta’ ‘cables’.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fid-dawl u fl-isfond ta’ dak risultanti mill-provi prodotti u kif esposti, din il-Qorti ma tistax tara kif tista ssib lis-socjeta konvenuta responsabbli ghall-akkadut minhabba negligenza da parti taghha u b’hekk ma tistax takkolji t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------